MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2008

Numru 888/2008

**Il-Pulizja**
**(Spettur Sharon Tanti)**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**v.**

**Michael Galea**

Illum, 23 ta' Settembru 2008

**Il-Qorti:**

Regghet rat ir-rikors ta' L-Avukat Generali tat-22 ta' Settembru 2008 li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti "tirrevoka d-digriet u l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja moghti minnha nhar l-14 ta' Settembru 2008 fejn ordnat il-helsien mill-arrest ta' l-imputat taht il-kundizzjonijiet hemm imsemmija u minflok tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imputat Michael Galea jew taghti dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa u opportuni...";

Rat id-digriet preliminari taghha tal-bierah li bih appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-lum;

Semghet, fl-udjenza tal-lum, kemm lid-difensuri tal-partijiet – l-Avukat Dott. Leonard Caruana ghall-Avukat Generali u l-Avukat Dott. Joseph Giglio ghall-intimat Galea – kif ukoll lill-Ispettur Anna Marie Micallef; semghet ukoll, pero` minghajr gurament, lill-intimat u lil martu;

Tosserva li l-intimat, li huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u li ghandu fedina penali kompletament nadifa, illum jinsab sospiz u qed jiehu l-kura mehtiega minhabba l-problema li ghandu tax-xorb, problema li jidher li pprecipitat l-incident meritu tal-kawza; f'dan ir-rigward huwa ghandu l-appogg shih ta' martu li din il-Qorti setghet tinnota li hija determinata li tghinu wara l-problemi li dahal fihom minhabba l-incident meritu ta' din il-kawza u xi incidenti ohra li huma meritu ta' proceduri dixxiplinari pendenti;

Fic-cirkostanzi, u wara li qiesghet akkuratament id-digriet tal-Qorti Inferjuri tal-14 ta' Settembru 2008, din il-Qorti ma tara ebda raguni valida biex tirrevoka l-helsien mill-arrest jew li tvarja sostanzjalment l-imsemmi digriet. L-unika haga li din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li ghandu jsir – haga li l-Qorti Inferjuri ma jidhirx li kkunsidratha kif kien jisthoqq – hu li anke f'dana l-istadju l-akkuzat jitqieghed taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-*probation* skond ma jipprovdi t-tieni proviso tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446.

Ghall-motivi premessi, tiddisponi mir-rikors prezentat mill-Avukat Generali l-bierah billi tilqghu biss fis-sens illi zzid mieghu il-kundizzjoni ta' ordni provvizorju skond l-imsemmija disposizzjoni tal-Kap. 446, u ghalhekk tqieghed lill-Michael Galea taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-*probation* li ghandu jigi nominat ghal dan il-fini mid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* (wara konsultazzjoni ma' din il-Qorti) bil-kundizzjonijiet – addizzjonali ghal dawk imsemmija fid-digriet tal-14 ta' Settembru 2008 – li l-imsemmi Michael Galea joqghod ghall-ordnijiet u direttivi <u>kollha</u> (inkluzi direttivi biex huwa jaghti kampjuni tad-

demm jew ta’ l-urina ghall-analizi) li jigu moghtija lilu mill-imsemmi ufficjal tal-*probation* biex huwa jeghleb il-problema li huwa ghandu tax-xorb; u f’kaz li l-imsemmi Michael Galea b’xi mod jonqos milli joqghod ghal xi direttiva minn dawn, l-ufficjal tal-probation li jkun ghandu minnufih jinforma lill-qorti li quddiemha tkun tinsab il-kawza biex din tkun tista’ taghti l-provvedimenti mehtiega.

Tordna li kopja ta’ dan id-digriet jinghata minnufih lill-imtimat Michael Galea, u jigi wkoll komunikat lill-Avukat Generali, lill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi ta’ *Probation*. Dan ta’ l-ahhar ghandu jinforma, wara d-debita konsultazzjoni, min ser ikun jew ser tkun l-ufficjal tal-*probation* inkarigat minn dan il-kaz, u nota f’dan is-sens ghandha eventwalment tigi minnu inserita fl-atti tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------